# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 255/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Kevin Farrugia)

vs

**John Portelli**

iben Michael , imwieled Paola, fit-13 ta' Gunju, 1950, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 507850(M)

Illum, 26 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Portelli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli Talli nhar id- 9 ta' Jannar, 2009 ghal habta tas-18.00 waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar- registrazzjoni FBF 604, tal- ghamla Toyota, fi Triq Dun Karm, Birkirkara u f'inhawi ohra fil- Gzejjer Maltin;

1) b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Anthony Briffa li ghandu numru tal- identita’ 211747M skont kif icceritifika Dr J Galea MD (Reg 2824) tal- Casualty Department tal- ispater Mater Dei;

2) saq b’ manjiera traskurata, bla kont u perikoluz;

3) saq bi speed eccessiv;

4) fi triq regolata b’ sinjal ta’ dawl ta’ traffiku ta’ vetturi naqas li jieqaf meta d-dawl kien qieghed jixghel ahmar, jew amber.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi John Portelli milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghal perjodu li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l- artikoli 15(1)(a)(2) u (3) tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta Malta, u r-Regolament 127 ta’ LS 65.11 tal-Ligijiet ta’ Malta ma sabitx lill-imputat hati tat- tielet (3) akkuza u ghaldaqstant illiberatu minnha. Sabitu hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), b’dan illi s-sewqan kien wiehed traskurat, u r-raba’ (4) akkuza, u ghaldaqstant illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant John Portelli minnu fit-23 ta’ Mejju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tikkancella u tirrevoka is-sentenza appellata tat-23 ta' Mejju, 2013 fl-intier taghha u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija u imputazzjoni skont il-ligi: jew alternativament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni talba subordinatament ghall-ewwel talba thassar u tikkancella dik il-parti tas-sentenza appellata f’dak li tirrigwarda il-piena dedotta fil-konfron tal-imputat; u konsegwentement tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li ssib l-imputat hati ta' wahda jew aktar mit-tlett imputazzjonijiet, tvarja il-piena ghal wahda konformi aktar mal-ligi u l-interessi tal-gustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi, l-ewwel aggravju jikkonsisti li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljata tal-fatti meta sabet l-imputat hati tat-tlett imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu u dana stante li ma kienx hemm bizzejjed provi oltre id-dubbju dettata rnir-raguni sabiex issib htija fl-imputat ghall-incident de quo.

2. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-ewwel aggravju, it-tieni aggravju jikkonsisti fli s-sentenza appellata hija 'extra petita' stante li t-talba tal-prosekuzzjoni fil-kaz ta' sejbien ta' htija tkun biss skwalifika tal-appellant milli jkollu jew li jottjeni licenzja tas-sewqan.

3. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghat-tieni aggravju, it-tielet aggravju jikkonsisti fli l-fatti kif dedotti ma fihomx ingredjenti ghal reat.

4. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament ghat-tielet aggravju, ir-raba' aggravju jikkonsisti li l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija, minhabba ix-xorta jew kwantita taghha , differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-appellant inghata sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti. Din il-Qorti fliet l-atti kollha tal-kaz, inkluz il-process verbal, u fil-fehma taghha l-ewwel Qorti waslet ragonevolment u legalment ghal konkluzjoni taghha. Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-konkluzjonijiet milqugha mill-ewwel Qorti. Ghalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistax jigi milqugh.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant ma jaghmel ebda sens ghal semplici fatt li l-appellant ma giex skwalifikat minn ebda licenzja tas-sewqan.

Illi t-tielet aggravju ma jistax jigi milqugh.  Kwalunkwe kumment iehor hu zejjed.

Illi l-istess jinghad ghar-raba' aggravju tal-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell ta' John Portelli u tikkonferma s-sentenza appellata.